MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Mandat Numru. 234/2014/1

**Catermax Limited C-50842**

***kontra***

**Events Travel and Incentives Ltd C13049**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-11 ta` Frar 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u debitament konfermati bil-gurament minn rappresentant taghha, il-kumpannija rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimata milli –

*Tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu l-propjeta` mmarkata bin-numru ufficjali 206, Tower Road, Sliema, bl-isem "Events Travel and Tourism".*

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Frar 2014 li permezz tieghu laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti, ordnat in-notifika lill-intimata b`ghaxart ijiem zmien biex tipprezenta rissposta u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tas-27 ta` Frar 2014 fis-1.30 p.m.

Rat li l-intimata kienet debitament notifikata skond il-ligi.

Rat illi l-intimata ma pprezentatx risposta.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-27 ta` Marzu 2014 fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

**Billi fl-istanza tal-kumpannija rikorrenti jirrizultaw sodisfatti r-rekwiziti tal-Art 873 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti qeghda –**

**1) Tilqa` t-talba tal-kumpannija rikorrenti.**

**2) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-kumpannija ntimata sabiex la tbiegh, la tnehhi, la tittrasferixxi u lanqas ma tiddisponi *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-propjeta` mmarkata bin-numru ufficjali 206, Tower Road, Sliema, bl-isem "Events Travel and Tourism".**

**3) Tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tal-kumpannija rikorrenti, tinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta` l-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**4) Tordna li l-ispejjes kollha relattivi ghal dan il-procediment jithallsu mill-kumpannija ntimata.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------